

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL****tal-4 ta' Diċembru 2014**

**li tapprova l-konklużjoni mill-Kummissjoni Ewropea, fisem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, tal-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Konfederazzjoni Svizzera li jassoċja l-Konfederazzjoni Svizzera mal-Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u mal-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika li jikkumplementa l-Orizzont 2020, u li jirregola l-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera fl-attivitajiet tal-ITER imwettqa mill-Fużjoni għall-Enerġija**

(2014/954/Euratom)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari t-tieni paragrafu tal-Artikolu 101 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fil-15 ta' Novembru 2013 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati, fisem l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, mal-Konfederazzjoni Svizzera bil-għan li jiġi konkluż ftehim komprensiv għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Konfederazzjoni Svizzera li jassoċja l-Konfederazzjoni Svizzera mal-Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u mal-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2014-2018) li jikkumplementa l-Orizzont 2020; u li jirregola l-parteċipazzjoni tal-Isvizzera fil-proġett tal-ITER fis-snin 2014-2020.
- (2) Dawk in-negozjati tlestew b'suċċess.
- (3) L-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Konfederazzjoni Svizzera li jassoċja l-Konfederazzjoni Svizzera mal-Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u mal-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika li jikkumplementa l-Orizzont 2020, u li jirregola l-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera fl-attivitajiet tal-ITER imwettqa mill-Fużjoni għall-Enerġija ("il-Ftehim") huma sogggetti għal proċedura separata fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu fl-ambitu tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.
- (4) Għalhekk, il-Ftehim għandu jiġi konkluż ukoll fisem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu fl-ambitu tat-Trattat tal-Euratom.
- (5) Il-konklużjoni mill-Kummissjoni, li taġixxi fisem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, tal-Ftehim għandha tiġi approvata.
- (6) Sabiex entitajiet legali Svizzeri jkunu jistgħu jiġu ttrattati bħal entitajiet minn Pajjiż Assoċjat fis-sejħiet tal-fissjoni skont il-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika li jikkumplementa l-Orizzont 2020, li għandhom skadenza fl-aħħar trimestru tal-2014, il-Ftehim għandu jiġi applikat b'effett mill-15 ta' Settembru 2014.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-konklużjoni mill-Kummissjoni, fisem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika tal-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Konfederazzjoni Svizzera li jassoċja l-Konfederazzjoni Svizzera mal-Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u mal-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika li jikkumplementa l-Orizzont 2020, u li jirregola l-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera fl-attivitajiet tal-ITER imwettqa mill-Fużjoni għall-Enerġija huwa b'dan approvat.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2014.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

S. GOZI

---